SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 24/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 07/12/'06 213**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 07/12/'06 266**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier David Borg

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-1 ta' Diċembru 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Aġġornament – Attivitajiet tal-Milied
3. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
4. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq Minuti 23/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 23/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Aġġornament – Attivitajiet tal-Milied**

2.01 Is-Segretarja Eżekuttiv Helen Walker għamlet riferenza għall-laqgħa 23/K5/06 taqsima 6 paragrafu 6.06 dwar it-tiżjin ta' dawl dekorattiv fil-Ġnien ta' Ta' Ġiorni, il-parti tal-proġett ta' l-ewwel fażi. Fejn infurmat lill-Kunsill li wara li l-kuntrattur iltaqa' mal-Kunsilliera Irene Borg, il-Kunsill ġie nfurmat mill-kuntrattur li mhuwiex possibbli li jsir dawl dekorattiv fil-ġnien għall-prezz ta' Lm150 iżda l-inqas prezz huwa skond il-kwotazzjoni diġa sottomessa li hija ta' Lm350 ( Rif. ta' inc.5283 – mehmuża ma' Minuti 23/K5/06 bħala appendiċi ' Ċ')

2.02 Fir-rigward ir-roundabout ta' Triq il-Mensija s-Segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntrattur informaha verbalment li jista' jsir tiżjin b'fustun u dekorazzjoni waħda minħabba li s-'supplier' ma fadallux materjal. Dan ser jiġi jiswa Lm175.

2.03 Il-Kunsill unanimament ma sabx oġġezzjoni li jsir it-tiżjin bil-prezzijiet kif ikkwotati.

2.04 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li min-naħa ta' l-MTA ser isir it-tiżjin b'dawl dekorattiv fir-roundabout ta' Paceville.

**3 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament li:-

- ✓ tingħata donazzjoni pagabbli lill-Community Chest Fund għall-ammont ta' Lm100 biex tiġi ppreżentata waqt il-programm l-ISTRINA.
- ✓ l-pagamenti li l-Kunsill jirċievi sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jitħallsu u f'każ fejn ikun hemm bżonn iċ-ċertifikat tal-Contracts Manager, il-pagamenti jitħallsu wara li dawn jiġu ċ-ċertifikati minnu.

**4. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2192 sa l-2203 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2192 sa l-2203.

4.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Materji Oħra**

5.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

5.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

5.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ Triq il-Fraxxnu nħareġ permess lill-Maltacom p.l.c. sabiex jikxfu l-'islabs' li tattew bit-tarmak meta saret it-triq (Ara Appendiċi 'Ċ').
- ✓ għal sena oħra konsekuttiv ser jingħataw kotba għal Jum il-Premjazzjoni li ser issir fl-iskola Primarja Dun Ġużepp Xerri.

5.04 Ġie deċiż unanimament li:

- ✓ l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li f'Xatt is-Sajjieda fejn qed jibni Schranz and Associates Ltd. taħt isir restorant. Hawnhekk kienet qed isir riferenza għal P.A. No. 07075/06.
- ✓ mis-sena d-dieħla min jibbukja l-biljetti għall-ħarġiet tal-Kunsill u ma jattendix ikollu jħallas tal-biljett.
- ✓ tingħata prijorita' lill-Ġiljaniżi li jużaw il-van ċirkulari u ma jittellgħux annimali fuq il-van.

5.05 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-minuti 19/K5/06 taqsima 2 paragrafu 2.03 rigward ittra mingħand il-Corinthia Hotels International fuq proposta sabiex issir grada ħdejn il-boathouses taħt il-Corinthia Marina. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku għamel 'on site meeting' mas-Sur George Grech, Corporate Safety and Security Manager mal-Corinthia Hotels International. Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li fejn qed jitolbu li ssir il-grada hija propjeta' tagħhom. Huma qed jissuġġerixxu li din titħalla miftuħa matul il-ġurnata iżda tingħalaq wara l-11 p.m. għal raġunijiet ta' sigurta'.

5.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir il-grada dment li din tingħalaq wara l-11 p.m. u tinfetaħ fid-9 a.m.

5.07 Il-Kunsill ġie ntrodott bl-iskrivana l-ġdida Lynette Portelli.

5.08 Qabel intemmet il-laqgħa ċ-Chairman awgura l-Milied u l-festi t-tajba lill-kullħadd u stedinhom għall-bibita.

5.09 L-awguri ġew reċiprokati.

5.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-4.05 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |